**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA’ ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. KEVAN AZZOPARDI B.A., LL.D.**

**Seduta tal-Awtorita għas-Saħħa u Sigurtà fuq il Post tax-Xogħol**

Illum, 16 ta’ April 2024

**Il-Pulizija**

**--vs--**

**Francis Vella (KI: 639157M)**

**Pawlu Vella (KI: 116049M)**

**Paul Vella (KI: 516462M)**

Kawża Nru: 3439/2023

**Il-Qorti:**

Rat li Francis Vella ta' 65 sena, iben Louis u Rosa nee' Vella imwieled limiti ta' l-Mġarr fil-21 ta’ Awwissu 1957 u li joqgħod 222, Valvigna, Triq Iż-Żebbiegħ, Mġarr, u detentur tal-karta tal-identità bin numru ID: 639157M; Pawlu Vella ta' 74 sena, iben Guzeppi u Rosa nee' Micallef imwieled l-Mġarr fit-28 ta Diċembru 1948 u li joqgħod Mei- Ling, Triq San Filippu, Mġarr, u detentur tal-karta tal-identità bin numru 116049M; u Paul Vella ta' 60 sena, iben Emmanuele u Grazia nee' Muscat imwieled Pietà fl-20 ta’ Awwissu 1962 u li joqgħod Ville Neuve, Triq San Filippu, Mġarr, u detentur tal-karta tal-identità bin numru 516462M:

1. Fuq talba ta' 1-Awtorita ghas-Sahha u s-Sigurta' fuq il-Post tax-Xoghol qed tigu akkuzati Francis Vella u Paul Vella fil-kapacita taghkom personali u/jew bhala diretturi ta' Ballut Blocks Limited u Paul Vella fil-kapacita tieghu ta' Manager flistess kumpanija u lkoll persuni li thaddmu fil-barriera sitwata f Tal-Ballut Quarry, Triq Wied Filep, I/o Naxxar talli nhar 1-4 ta' Jannar 2022 matul il-gurnata u/jew fixxhur ta' qabel inqastu milli tharsu is-sahha u sigurta' ta' l-impjegati, kif ukoll talpersuni kollha li jistghu jigu affetwati bix-xoghol, li jkun qed isir u dan billi nqastu milli tiehdu 1-passi necessarji kollha sabiex jigi evitat dannu fiziku, korriment jew mewt fuq il-post tax-xoghol u dan ai termini ta' artikoli 6 (1)(2) ta' Att 27/2000 Kap 424.

2. Akkuzati wkoll li fl-istess data, hin, lok u cirkostanza u/jew fix-xhur ta' qabel inqastu bhala persuni li thaddmu nqastu milli taghmlu, jew li tizguraw li ssir, evalwazzjoni xierqa, sufficenti u sistematika tal-perikli ghas-sahha u s-sigurta' kollha li jistghu jkunu prezenti fuq il-post tax-xoghol u r-riskji li jirrizultaw li jikkoncernaw l-aspetti kollha tal-attivita' tax-xoghol. Dawn 1-evalwazzjonijiet ghandhom jikkunsidraw irriskji ghas-sahha u s-sigurta' tal-haddiema u tal-persuni li jahdmu ghal rashom li ghalihom ikunu esposti waqt ix-xoghol, inkluz dawk li jzuru 1-post tax-xoghol, liema riskji jirrizultaw mix-xoghol imwettaq, jew in konnessjoni mieghu, jew mit-tmexxija tal-impriza u dan ai termini ta' artikolu 10(1) ta' A.L. 36/03 (S.L. 424.18).

Rat li waqt is-seduta tas-16 ta’ Ġunju 2023, wara li nqraw l-akkużi, l-imputati wieġbu mhux ħatja;

Rat l-atti proċesswali, minn fejn jirriżulta li waqt is-seduta tas-16 ta’ Jannar 2024 il-prosekuzzjoni ddikjarat li ma kellhiex aktar provi, filwaqt li fis-seduta tat-13 ta’ Frar 2024, id-difiża ddikjarat li għalqet il-provi;

Semgħat ix-xhieda;

Semgħet it-trattazzjoni orali finali tal-partijiet.

Rat ir-rikors li kellha tkun nota tal-imputati tal-14 ta’ Frar 2024, kif ukoll id-digriet li biħ din il-Qorti ordnat in-notifika bil-fakultà tar-replika.

**Ikkunsidrat**

**A. Fatti tal-każ**

Illi in sostenn tal-akkużi miġjuba kontra l-imputati, il-Prosekuzzjoni ressqet is-segwenti xhieda u provi:

1. **Pierre Conti xehed bħala uffiċjal tal-Awtorità għas-Saħħa u Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol.** Jgħid li fl-4 ta' Jannar 2022 fil-17:33 ġie nfurmat li kien hemm inċident fil-Ballut Quarry. Peress li kien diġà dalam iddeċidew li jmorru l-għada filgħodu. Fil-5 ta' Jannar morna fuq is-sit u laqgħana Mr Reuben Vella li informana li l-vittma kien jismu John Vella KI: 318368M. L-inċident seħħ meta l-vittma kien qed iqatta excavator b'acetylene torch (acitelena) għall-iscrap. Huwa ppreżenta sett ritratti li ġew immarkati bħala PC1.
   Il-vittma ma setgħax jiġi mitkellem l-isptar minħabba l-pandemija tal-COVID. Ġie mitkellem fit 22 ta' Frar 2022 id-dar tiegħu. Hu kkonferma li kien qed iqatta bl-aċitelena kif qabbdu jagħmel Paul Vella junior (iż-żgħir)(minn hawn il-quddiem riferut bħala Paul, filwaqt li l-imputat l-ieħor referut bħala Pawlu). Dan kien taħ struzzjonijiet kif u fejn kellu jqatta'. Huwa kien qed iqatta taħt l-excavator u ħin minnhom sema xi tfaqqiegħ u l-excavator iċċaqlaq. Jgħid li l-injam li kien qed iżomm l-excavator mgħolli kien mherri u msewwes u faqqa'. Dan l-injam jidher f' ritratti 11 u 12.

   Il-vittma kien qallu li kellu ħafna esperjenza f'dan ix-xogħol u li kien ilu jaħdem 29 sena f'dan ix-xogħol. Kien ħadem ma' Bonnici bħala heavy plant mecchanic għal 10 snin, u kien ilu mpjegat mal-Ballut Blocks Ltd. 19-il sena. John Vella qalilna wkoll li qabel ma bdew ix-xogħol iddiskutew hu u Paul u li kien ingħata health and safety training fis-snin li kien impjegat mal-Ballut.

   Fit-2 ta' Marzu kellna meeting għand il-Ballut Blocks Ltd mad-direttur Pawlu Vella KI 116049M fejn kien hemm ukoll Dr Massimo Vella bħala legal advisor. Dan ikkonferma li kien assenja x-xogħol lil impjegat tagħhom John Vella, biss ma kienx preżenti fil-ħin tal-inċident.

   Dak in-nhar tkellmu wkoll mal- inġinier Carmel Tonna.

L-akkużi dwar Pawlu Vella KI 116049M kienu li bħala direttur naqas li jissalvagwardja s-saħħa u sigurtà fuq il-post tax-xogħol. Hu m'għamilx ir-risk assessment adegwat writing kif suppost kellu jsir. Ir-risk assessment li ġie ppreżentat mill-inġinier Tonna, li huwa esebit fl-atti bħala Dok PC2, fil parti "Safe work method statement and risk assessment for maintenance work on heavy plant" ma jitkellimx fuq tqattigħ tal-excavator li kien hemm dakinhar tal-inċident.

Huwa jikkonferma li d-dokument ma kien fih xejn fuq it-tqattigħ.

Sussegwentement Paul Vella KI 516462M li jiġi d-direttur ġie flimkien mal-avukat tiegħu l-awtorità u saqsejnih x'ġara.

In kontroeżami huwa jgħid li ma jiftakarx li saqsa lill-vittma John Vella jekk ix-xogħol li kien jagħmel qabel kienx l-istess bħal dak li kien qiegħed jiżvolġi fil-ħin tal-inċident.

Mistoqsi jekk jafx John Vella xi struzzjonijiet speċifiċi ngħata minn Paul Vella (iż-żgħir), jgħid li dan qallu biex ikompli jqatta' l-excavator. Hu ma staqsiex fejn kien qed iqatta jew fejn qallu Paul Vella biex iqatta.

B'referenza għat-terminoloġija użata mix-xhud stess waqt l-eżami "tool box talk", ix-xhud jifhem li din hija diskussjoni kif se jsir ix-xogħol, u x'għandu isir. Imma l-kontenut tat-tool box talk jien ma qaluli ħadd la l-vittma John Vella u anqas Paul Vella (iż-żgħir).

Ix-xhud ippreżenta in-notamenti tiegħu li ġew immarkati bħala Dok PC.

Ix-xhud jikkonferma li l-vittma John Vella kien qallu li kellu esperjenza vasta. Ix-xhud mill esperjenza tiegħu persuna li tkun ila taħdem 29 sena f'dan it-tip ta' xogħol tkun taf x'għandha tagħmel.

Mistoqsi jekk l-vittma John Vella qaltlux x' għamel differenti mis-soltu peress li qabel qatt ma kien ġralu xejn, huwa jgħid li ma qallux.

Ix-xhud jgħid li mill investigazzjoni li huwa għamel jidher li kkollassat l-injama, hekk kif tidher fir-ritratt, peress li kienet rotted.

Ix-xhud jgħid li ma setgħax jagħmel eżamijiet fuq l-injama. Din kienet l-opinjoni tiegħu ta x'seta ġara.

Mistoqsi jekk jafx l-injama faqqgħetx hi l-ewwel niżel l-excavator jew waqax l-excavator u faqa' l-injama, jgħid li hu ma kienx prezenti. Lunika indikazzjoni hi dak li qallu l-vittma John Vella li sema a cracking sound.

2. **Louis Buhagiar** xehed bħala rappreżentant tal-Jobs Plus u ppreżenta sett dokumenti konsistenti fl-employment history tas-sur Francis Vella KI 639157M, is-sur Paul Vella KI 116049M, is-sur Paul Vella KI 516462M u s-sur John Vella KI 319368M.

3. **L-inġinier Carmel Tonna** xehed darbtejn, darba bħala xhud tal-prosekuzzjoni u f'okkażjoni oħra bħala xhud tad-difiża. Msejjaħ bħala xhud tal-prosekuzzjoni jgħid li huwa ingineer u jirrappreżenta kumpanija li tagħti servizz ta' consultancy dwar health and safety lis-sinjuri Pawlu Vella, Paul Vella u Francis Vella. Fl-4 ta' Jannar 2021 kien ċempillu Paul (iż-żgħir) li jieħu ħsieb il-mechanical work u qallu li kien seħħ inċident. Kienu għamlu risk assessment fl-2019 li x-xhud għaraf fl-atti tal-proċess (Dok PC2), u dan kien jiġi mġedded darba fis-sena, wara li jiġi diskuss, u ssir evalwazzjoni jekk jkunx għadu validu. F'dan il-każ ma nbidel xejn mid-dokument peress li ma kienx hemm għalfejn.

   Dwar l-inċident jgħid li kellem lill Paul (iż-żgħir) li x-xhud għaraf fl-awla bħala l-imputat Paul Vella bil-karta tal-identità 516462M. Kien qallu li kien qed jaħdem xi ħadd, iqattgħu xi scrap u ċediet biċċa makkinarju u ġiet fuq saqajn wieħed. Jgħid li l-inċident ġara għax ma kienx supported il-makkinarju. Din kienet parti minn excavator li hija l-main body. Kienu qed qatgħulha l-affarijiet minnha għax riedu jżommuhom spare u ċediet minn wara u qabdet saqajn il-ħaddiem. Ma kellhiex sapport u ċediet. Dan innotaħ dakinhar tal-inċident. Biss waqt l-inċident ma kienx hemm. Meta għajjatlu Paul mar u sab l-excavator maqluba.

   L-excavator kien issapportjat fl-art. Il-makkinarju kien issapportjat fuq u stess. Il-makkinarju stess għandu appendecis ngħidulhom aħna, partijiet minnu u kien fuqha għax twal biżżejjed li din tibqa' kif inhi. Imbagħad meta tibda taqta' din se tiġi unstable. Muri ritratt PC11, ix-xhud jgħaraf l-injam li kien qed iserraħ fuqu ċatt. Jgħid li biex niżel, sinjal li ċċaqlaq xi ħaġa. L-excavator niżel minn wara, titlef il-bilanċ. Fejn għandha l-aktar piż se tinżel 'l isfel.

Jgħid li lill vittma jafu qabel u kien jaraħ jaħdem u qatt ma ġraw inċidenti. Huwa kien jaf x'kellu jagħmel għal finijiet tas-sigurtà tiegħu stess.

4. **Quentin Tanti bħala rappreżentant tar-Reġistratur tal-Kumpaniji** xehed li s-soċjetà kummerċjali bl-isem ta' Ballut Blocks Ltd b'numru ta' reġistrazzjoni C10 fl- 4 ta' Jannar tas-sena 2022 kellha bħala diretturi lill- Francis Vella numru tal-identity card Maltija 639157M kif ukoll Paul Vella numru tal-karta tal-identità Maltija 116049M. Din l-informazjzoni hija dejjem abbażi ta' dokumenti reġistrati mar-Reġistratur għan-nom ta' din is-soċjetà. Huwa ppreżenta dokument immarkat bħala QT.

5. **John Vella** xehed li jaħdem ma' Ballut Blocks. Id-diretturi kienu Pawlu Vella u Frans Vella u għarafhom fl-Awla. Mistoqsi dwar jekk jafx lit-tielet imputat jiġifieri Paul Vella, jgħid li jaħdem miegħu u jagħmel ix-xogħol li jqabbdu hu. Jgħid li Paul Vella ż-żgħir (KI 516462M) fl-4 ta' Jannar kien qabbdu jqatta bil-cutter. Ix-xhud jgħid li kien diġà qata' l-isprokits jiġifieri fejn iddur il-katina tal-gaffa, u meta ġie biex ikompli jqatta' ħass l-excavator jiċċaqlaq u għeleb lura, u qabadlu saqajh.

   Bħala lbies protettiv huwa għaraf iż-żarbun protettiv tiegħu mir-ritratt fol 51. Huwa għaraf il-post tal-inċident bħala l-barriera.

   Jgħid li l-injam li jidher taħt l-excavator għamluh hu u Paul Vella dakinhar stess. Jgħid li ilu f' dan it-tip ta' xogħol 29 sena. L-ewwel kien ma' Bonnici, imbagħad ma Ballut, u li għandu madwar 30 sena esperjenza fuq dan it-tip ta' xogħol. Fil-fatt huwa jgħid li dan ix-xogħol ilu jagħmlu minn dejjem.

   Ix-xogħol ta' tqattigħ ta' heavy equipment bħal dan jgħid li tiġi bżonnu dejjem. Huwa jikkonferma li kien ilu jużа l-istess proċedura, jiġifieri bl-injam u bil-ġebel taħt il-makkinarju madwar 30 sena. Jgħid li dan tgħallmu bl-esperjenza. Huwa jgħid li jifhem x'inhuma r-riskji involuti fix-xogħol tiegħu u jaf x'għandu jagħmel biex jeliminah. Hu jgħid li ra li l-excavator kienet soda, u li m'għamel xejn differenti mis-soltu.

6. Mill affidavit ta' **PS1301 Christian Bonello** jirriżulta li fl-4 ta' Jannar 2022 għall-ħabta tal-17:20hrs il-pulizija ġiet infurmata li ġewwa barriera bl-isem ta' Ballut sar inċident

fejn weġġa persuna. Huwa flimkien ma PC797 u PC510 marru fuq il-post fejn sabu lil John Vella mixħut mal-art fuq in-naħa ta' wara tal-makkinarju ċioe excavator tal-għamla Atlas ta' lewn aħmar. Dan ma kienx jaħdem, kien derelict. Paul Vella kien fuq il-post u kien qed jgħin lil John Vella. Il-vittma kienet qaltlu illi kien qed jaħdem taħt l-imsemmi makkinarju fejn għal xi raġuni dan ċeda minn naħa ta' barra li hija l-parti l-iktar tqila u ġie fuq saqajh. Ċempel lil Paul Vella li mar bil-gaffa armata bil-furketta tan-għamla JCB u għen lill-vittma joħroġ minn taħt il-makkinarju. Aktar tard il-vittma ttieħdet l-isptar permezz ta' ambulanza. Ix-xhud informa lil tal-Health and Safety, Is-Sur P. Conti.

7. Mill-affidavit tat-tabiba **Dr Elizabeth Ellul Galanze**, Jirriżulta li john vella kien ġie eżaminat fl-erbgħa ta' jannar 2022 u ġie ċċertifikat li qed isofri minn ġrieħi gravi.

Illi d-difiża in sostenn tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputati tressaq lill-**Inġinier Carmel Tonna**:

1. **L-Inġinier Carmel Tonna** jgħid li l-parti li fih sar l-inċident kienet koperta bil-parti tar-risk assessment li kien ipprepara hu fl-2019 tal-mechanical shop. Ix-xhud ġie muri dokument a fol 60 sa 68

   Huwa ikkonferma li saru żewġ reviews u ma kien hemm bżonn jinbidel xejn minnu. Waqt ir-review isir 'safety meeting' fejn jiġu diskussi ħafna affarijiet u jduru r-risk assessments kollha. Hemm aktar minn risk assessment wieħed. Ir-risk assessment relevanti għall-inċident huwa dak dwar 'maintenance work on heavy machinery'.

   Hemm żewġ partijiet. Section 3 a fol 65 tgħid li 'all material handling equipment to be utilised and operated by trained operators. Material transfer equipment is adequately supported to avoid material falling during transfers'. 'equipment being maitained is to be adequately supported on appropriate jacks or other effective means as approved by management. If the equipment being maintained is in nstable condition..." jekk tidħol taħt xi ħaġa trid tara li jkun issapportjat.

   Imbagħad fil-każ ta' bniedem qed jaqta' bl-aċitilena, hemm section 11, fire and explosion a fol 67: 'Where carriers of equipment being maintained are to be made safe

prior to commencement of works. Areas to be monitored during works in project to ensure that these are safe for work. Adequate fire extinguishing equipment is provided well'.

Mistoqsi dwar kif huwa fformula dan ir-risk assessment jgħid li huwa jikkonsulta, l-OHSA ta' Malta, ġieli jsaqsi lil xi ħadd li jifhem, li jkun fuq dawn l-affarijiet fil-Mechanics, kif ukoll l-OHSA Ingliża. Imbagħad peress li kien jaħdem bħala supretendent fuq il-vapuri, jikkonsulta anke l-IMO dwar risk assessments. Dan ix-xogħol ilu jagħmlu fuq erbgħin sena. Dwar l-OHSA Ingliża fuq il-website għandhom parti fuq risk assessments li jagħmlu huma, u li jkunu available b'xejn, u tipprova ssib x'jaddatta għax-xogħol li trid tagħmel. Huwa jikkonferma li hekk għamel għar risk assessment f' dan il-każ.

In kontroeżami jgħid li l-miżuri msemmija kienu attwati fuq il-post peress li l-makkinarju kien stabbli qabel beda x-xogħol. Kienet stabbli u f'daqqa waħda niżlet.

Mistoqsi jispjega għala meta xehed l-ewwel darba huwa qal li ma kinitx supported u issa qed jgħid li kienet supported, huwa jispjega li n-naħa ta' fejn niżlet, għedt l-aħħar darba, mhux ma kienx hemm, għax jekk kienet fl-art kienet safe u stabbli. Għidt li ma kienx supported in-naħa  li niżel.

Ix-xhud jgħid li kellem lir-raġel li weġġa' u qallu li qabel beda jaħdem, din kienet supported jiġifieri mserraħ mal-art, u kienet stabbli. Issa meta mar wara li seħħ l-inċident, din kienet maqluba fuq in-naħa ta' wara. Fin-naħa ta' wara ma kienx hemm support.

Huwa jgħid li x-xogħol ivarja, u mhux dejjem ikun normali. Jgħid li għalhekk hemm imniżżel fir-risk assessment 'adequately supported on appropriate jacks ... or other effective means'. Mistoqsi jekk il-makkinarju kienx adequately supported, hu jgħid li l-injam jekk inti poġġejtu hekk, jekk ikollu l-vini miegħu,  malli jiċċaqlaq, dan il-ħadid tqila ħafna iktar minn din l-injama. L-makkinarju kien ċatt, ekwilibrat. La hemm equilibrium mhux se jiċċaqlaq. Malli, jekk inti bdejt taqtalu, taqtalu, taqtalu imbagħad tilef il-bilanċ. Għalhekk flok ġie fuq kollha, ġie fuq waħda. Imbagħad tiġi bla saħħa.

Dwar il-kundizzjoni tal-injama ix-xhud jikkonferma li ma jistax jgħid. Jsostni li trid tara f'posta u teħodha mal-oħrajn peress li mhux waħda kien hemm.

Muri ritratt li qiegħed inserit fil-proċess a fol 59 u mistoqsi jekk dan l-injam jikkwalifikax bħala adequate jsostni li kien hemm iżjed minn injama waħda. Trid tara l-injam kollu li kien hemm taħt il-makkinarju meta kien stabbli.

**B. <u>Kunsiderazzjoni dwar ħtija o meno</u>**

**1. Konsiderazzjonijiet Legali fir-rigward tal-Livell ta' Prova Rikjesta**

Il-prinċipju ġenerali fil-kamp kriminali huwa dak li l-Prosekuzzjoni għandha fuq-spallita l-oneru li tressaq l-aħjar provi sabiex tikkonvinċi lill-Qorti li l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputat huma veri. Dan il-prinċipju bażiku prattikat mill-Qrati tagħna fil-proċedimenti kriminali, li sabiex l-imputat jiġi ddikjarata ħati, l-imputazzjonijiet dedotti kontra tiegħu għandhom jiġu ppruvati oltre kull dubju raġonevoli, cioé oltre kull dubju dettat mir-raġuni, jista' jingħeleb biss fejn u jekk il-liġi stess tiddetta mod ieħor.

Tajjeb li wieħed iżomm f'moħħu li ai termini tar-Regolament 20 tal-Liġi Sussidjarja 424.18 f'każ ta' reati li joħorġu mill-imsemmija Liġi (Avviż Legali 36 tal-2003) li fuqu hija msejsa it-tieni imputazzjoni, l-imputat huwa mgħobbi bl-oneru tal-prova biex jiskolpa ruħu minn l-akkuża kontrih. Dan m'huwiex il-każ fir-rigward tal-ewwel akkuża li hija bażata fuq il-Kapitolu 424 innifsu.

Permezz tal-imsemmi Regolament 20, il-leġislatur ried ipoġġi l-oneru tal-prova fuq l-ispalla tal-akkużat:

> *"20. F'dawk il-proċedimenti dwar reat li jsiru taħt dawn ir-regolamenti, li jkun jikkonsisti fin-nuqqas ta' twettiq ta' dmir jew ħtieġa li ssir xi ħaġa sakemm din tkun prattika jew sakemm din tkun bir-raġun prattika, jew li jintużaw l-aħjar mezzi prattiċi biex issir xi ħaġa, għandu jkun jaqa' fuq l-akkużat li jipprova (skond ma jkun il-każ) illi ma kienx prattiku jew bir-raġun prattiku li jagħmel iktar milli fil-fatt sar sabiex iwettaq id-dmir jew il-ħtieġa, jew li ma kienx hemm mezzi prattiċi aħjar minn dawk li fil-fatt intużaw sabiex iwettaq id-dmir jew il-ħtieġa."*

Imbagħad fejn il-prova tispetta lill-Prosekuzzjoni wieħed irid iħares lejn il-livell ta' prova mistennija fil-kamp kriminali. Huwa għaldaqstant mistenni li l-Qorti tkun konvinta li akkużi dedotti kontra l-akkużat jirriżultaw ippruvati oltre kull dubju raġonevoli, cioé oltre kull dubju dettat mir-raġuni. Hawnhekk il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza tal**-Qorti tal-Appell Kriminali tas-7 ta' Settembru 1994 fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Philip Zammit et** u tgħid però li mhux kull l-iċken dubju huwa biżżejjed sabiex persuna akkużata tiġi ddikjarata liberata. Hemm bżonn li *"dubju jkun dak dettat mir-raguni"*.

Fil-fatt fis-sentenza mogħtija mill-**Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Diċembru 1997 fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Peter Ebejer**, dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilħaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jħalli ebda dubju dettat mir-raġuni u mhux xi grad ta' prova li ma jħalli ebda ombra ta' dubju. Mhux kull dubju għandu jitqies bħala dubji dettat mir-raġuni. Fi kliem ieħor, dak li l-Ġudikant irid jasal għalih hu, li wara li jqis iċ-ċirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tiegħu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni.

Fil-fatt dik il-Qorti ċċitat l-ispjegazzjoni mogħtija minn **Lord Denning fil-każ Miller vs. Minister of Pension - 1974 - 2 ALL ER 372** tal-espressjoni *"proof beyond a reasonable doubt"*:

> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice".*

2. **L-Imputazzjonijiet**

**L-Ewwel Imputazzjoni:** *"1. Fuq talba ta' l-Awtorita ghas-Sahha u s-Sigurta' fuq il-Post tax-Xoghol qed tigu akkuzati Francis Vella u Paul Vella fil-kapacita taghkom personali u/jew bhala diretturi ta' Ballut Blocks Limited u Paul Vella fil-kapacita tieghu ta' Manager flistess kumpanija u lkoll persuni li thaddmu fil-barriera sitwata f Tal-Ballut Quarry, Triq Wied Filep, I/o Naxxar talli nhar 1-4 ta' Jannar 2022 matul il-gurnata u/jew fixxhur ta' qabel inqastu milli tharsu is-sahha u sigurta' ta' l-impjegati, kif ukoll tal persuni*

*kollha li jistghu jigu affetwati bix-xoghol, li jkun qed isir u dan billi nqastu milli tiehdu l-passi necessarji kollha sabiex jigi evitat dannu fiziku, korriment jew mewt fuq il-post tax-xoghol u dan ai termini ta' artikoli 6 (1)(2) ta' Att 27/2000 Kap 424."*

Illi f'din l-imputazzjoni, l-imputati qegħdin jiġu akkużati **(i) f'isimhom personali, u/jew (ii) Francis Vella u Pawlu Vella bħala diretturi u Paul Vella fil-kapaċità tiegħu ta' Manager ta' Ballut Blocks Ltd u lkoll bħala persuni li jħaddmu,** fir-rigward ta' nuqqas ta' tħaris tas-saħħa u sigurtà tal-persuni kollha li jistgħu jiġu affettwati bix-xogħol, li jkun qed isir. Il-prosekuzzjoni, peress li hekk tiddetta l-liġi, tkompli billi tiddeskrivi f'hiex jikkonsisti tali nuqqas, jiġifieri n-nuqqas milli tieħu l-passi neċessarji kollha sabiex jiġi evitat dannu fiżiku, korriment jew mewt fuq il-post tax-xogħol. Din l-imputazzjoni hi msejsa fuq il-Kapitolu 424 tal-Liġijiet ta' Malta, partikolarment fuq l-ewwel (1) u t-tieni (2) paragrafu.

Għal fini ta' din l-ewwel imputazzjoni l-Qorti trid tapplika d-definizzjonijiet li jinsabu fl-Artikolu 2. Hemmhekk wieħed isib id-definizzjoni ta' 'ħaddiem' u 'min iħaddem' fost oħrajn:

> *" "ħaddiem" tfisser kull persuna impjegata minn min iħaddem biex tagħmel xogħol, jew li tipprovdi servizz lil persuna oħra taħt kuntratt ta' servizz jew għal servizz, u tinkludi student, apprendist u persuna li timpjega lilha nnifisha, iżda ma tinkludix l-ekwipaġġ ta' bastiment reġistrat Malta jew kull persuna oħra impjegata fuqu bħala parti mill-ekwipaġġ kollu tal-bastiment"*
>
> *" "min iħaddem" tfisser il-persuna li għaliha jsir xogħol jew jiġi mogħti servizz minn ħaddiem jew li jkollha relazzjoni ta' xogħol ma' ħaddiem, u tinkludi kuntrattur jew subkuntrattur li jagħmel xogħol jew jagħti servizz jew jintrabat biex jagħmel xi xogħol jew jagħti xi servizzi, u*
>
> *(a) għal dak li jirrigwarda xogħol magħmul taħt kuntratt ta' servizz, tfisser il-kuntrattur jew is-subkuntrattur, iżda ma tinkludix id-diretturi, managers, soċji jew sidien, okkupanti jew possessuri li għalihom ikun qed isir ix-xogħol, minbarra fil-każ fejn għodod, materjal jew tagħmir ikun provdut minnhom, dwar xi difetti li dan l-apparat jista' jkollu, liema difetti jkunu magħrufa u ma ġewx indikati, jew li setgħu ikunu magħrufa ...;"*

F'dan il-każ il-prosekuzzjoni ġabet prova permezz ta' rappreżentant ta' Jobsplus li l-vittma John Vella kien ħaddiem ta' Ballut Blocks Ltd. u dana kien reġistrat bħala mechanic (fol 74).

Imbagħad permezz tal-PL Quenten Tanti li xehed in rappreżentanza tar-Reġistratur tal-Kumpaniji il-prosekuzzjoni ġabet il-prova li l-imputati Francis Vella u Pawlu Vella kienu diretturi ta' l-imsemmija kumpanija (fol 86).

Għaldaqstant jirriżulta sodisfaċentement ippruvat li l-imputati Pawlu Vella u Francis Vella bħala Diretturi ta' Ballut Blocks Ltd kienu persuni li jħaddmu fit-termini tad-definizzjonijiet msemmija hawn fuq.

Għal dak li għandu x'jaqsam ma l-imputat Paul Vella, mix-xhieda tar-rappreżentant tal-Jobsplus ma jirriżultax formalment li l-imputat Paul Vella kien impjegat ta' l-istess kumpanija li kien impjegat magħha John Vella, ċioe Ballut Blocks Ltd. Il-prosekuzzjoni tirreferi għalih bħala Manager. Fis-sottomissjonijiet finali, l-abbli avukat tad-difiża jsostni li Paul Vella ma jaqgħax taħt id-definizzjoni tal-Kapitolu 424 ta' persuna li jħaddem. Jgħid li kull ma ppruvat il-prosekuzzjoni hu li Paul Vella ta struzzjonijiet lill-vittma John Vella u daqshekk. Din il-Qorti ma taqbilx mat-teżi tad-difiża.

Mix-xhieda ta' John Vella jirriżulta li Paul Vella kien fuq il-post tal-inċident u fil-fatt Paul Vella propju għażel li jċempel lilu biex jiġi jtiħ l-għajnuna. **Is-surġent 1301 Christian Bonello** jikkonferma li meta wasal fuq il-post tal-inċident Paul Vella kien qed jgħin lill-vittma tinqala minn taħt l-excavator. Ix-xhieda ta' l-Uffiċjal Pierre Conti tkompli tikkorabora din il-teżi. Jgħid li l-vittma qaltlu li hu kien jagħmel dak li jqabbdu John Vella. Fil-fatt dakinhar tal-inċident kien Paul Vella li taħ struzzjonijiet biex jidħol taħt l-excavator u kif kellu jqatta l-istess excavator bl-aċitelena. Imbagħad l-iktar prova b'saħħitha hi x-xhieda tal-vittma John Vella, li jikkonferma li hu kien jaħdem ma Paul Vella u li kien jagħmel dak li jqabbdu hu. Dan jikkonferma t-teżi li din ma kinitx xi ħaġa ta' darba.

Għaldaqstant minkejja li l-imputat John Vella mhux reġistrat formalment bħala impjegat ma Ballut Blocks Ltd. din il-Qorti hija konvinta li bejn John Vella u Paul Vella kien hemm relazzjoni ta' xogħol bħala ħaddiem, u min iħaddem rispettivament għal fini tal-Kapitolu 424 u r-regolamenti li jaqgħu taħtu.

Il-Qorti ikkunsidrat dak li jgħid l-artikolu 6 tal-Kapitolu 424:

> *"6.(1) Min iħaddem għandu dejjem jiżgura is-saħħa u s-sigurtà tal-persuni kollha li jistgħu jiġu affettwati bix-xogħol li jkun qiegħed isir għal dik il-persuna li tħaddem:*
>
> *Iżda meta fit-twettiq ta' dak hawn aktar qabel imsemmi, min iħaddem jagħmel użu minn servizzi jew persuni kompetenti minn barra, min iħaddem ma jkunx meħlus mid-dmirijiet applikabbli li joħorġu minn dan l-Att u mir-regolamenti magħmulin taħt dan l-Att."*

Din il-Qorti ikkunsidrat li s-Surġent tal-Pulizija bin-numru 1301 Christian Bonello fl-4 ta' Jannar 2022 għall-ħabta tal-17:20hrs fuq informazzjoni li ġewwa barriera bl-isem ta' Ballut sar inċident fejn weġġħat persuna flimkien ma PC797 u PC510 marru fuq il-post fejn sabu lil vittma John Vella mixħut mal-art fuq in-naħa ta' wara ta' excavator tal-għamla Atlas ta' lewn aħmar u visibbli f'ritratti fol 48 sa 59. Fuq il-post kien hemm John Vella li kien qed jgħin lil-vittma. L-inċident, li f'dawn il-proċeduri mhux kontestat, seħħ meta John Vella, fuq struzzjonijiet ta' l-imputat Paul Vella kien qed jaħdem taħt l-imsemmi excavator, billi kien qed iqatta xi biċċiet minnu bl-aċitelena, meta skont ma jindikaw kemm il-vittma kif ukoll l-Inġinier Carmel Tonna l-excavator tilef il-bilanċ, għeleb lura u saqajn in vittma nqabdet taħt parti mill-excavator. Waqt l-inċident il-vittma kienet weħidha. Dan jirriżulta mil-fatt li fix-xhieda tiegħu il-vittma jgħid li hu ċempel lil-Paul Vella, li mar fuq il-post u għinu joħroġ minn taħt l-excavator permezz ta' fork lifter. Il-vittma ittieħdet l-isptar fejn ġiet ċertifikata tat-tabiba Dr Elizabeth Ellul Galanze li kienet qed isofri minn ġrieħi gravi.

Peress li kien dalam, l-għada l-uffiċjal tal-Awtorita għas-Saħħa u Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol Pierre Conti mar fuq il-post u ġibed xi ritratti tal-excavator li huwa ppreżenta waqt ix-xhieda tiegħu a fol 48 sa 59, kif ukoll sussegwentement tkellem mal-imputati, mal-inġinier Carmel Tonna u anke xi żmien wara mal vittma.

L-artikolu 6(2) tal-Kapitolu 424 li fuqu hija bażata din l-akkuża jidentifika dawk il-miżuri ta' prevenzjoni li wieħed għandu jieħu.

> *"(2) Il-miżuri li għandhom jittieħdu minn min iħaddem biex jevita dannu fiżiku u psikoloġiku, korriment jew mewt, fuq il-postijiet tax-xogħol, għandhom*

*jittieħdu fuq il-bażi ta' dawn il-prinċipji ġenerali ta' prevenzjoni li ġejjin, jiġifieri –*

*(a) li jiġi evitat riskju;*
*(b) l-identifikazzjoni ta' perikli assoċjati max-xogħol;*
*(ċ) l-evalwazzjoni ta' dawk ir-riskji li ma jistgħux jiġu evitati;*
*(d) il-kontroll mill-bidu ta' dawk ir-riskji li ma jistgħux jiġu evitati;*
*(e) li jittieħdu l-miżuri neċessarji kollha biex jirriduċu r-riskju kemm ikun raġonevolment prattiku, inkluż li jitbiddel dak li huwa perikoluż b'dak li ma jkunx perikoluż jew li jkun anqas perikoluż;*
*(f) billi tingħata prijorità lill-miżuri ta' protezzjoni kollettivi fuq miżuri ta' protezzjoni individwali;*
*(g) li jiġi adattat ix-xogħol għall-ħaddiem, partikolarment għal dak li għandu x'jaqsam mal-iddisinjar ta' postijiet tax-xogħol, l-għażla ta' tagħmir tax-xogħol u l-għażla ta' metodi ta' produzzjoni u ta' xogħol, u partikolarment sabiex jiġi mnaqqas xogħol monotonu u xogħol li jkollu rata ta' xogħol stabbilita minn qabel, u biex jitnaqqas l-effett tagħhom fuq is-saħħa;*
*(ħ) billi wieħed jaddatta ruħu għall-progress tekniku fl-interess tas-saħħa u tas-sigurtà fuq il-post tax-xogħol; u*
*(i) billi tiġi żviluppata policy ta' prevenzjoni globali u loġika li tkopri it-teknoloġija, l-organizzazzjoni ta' xogħol, il-kundizzjonijiet ta' xogħol, ir-relazzjonijiet soċjali u l-influwenza ta' fatturi li għandhom x'jaqsmu mal-ambjent tal-post tax-xogħol."*

Ta' mportanza partikolari għal dan il-każ huwa dak li jgħidu l-paragrafi (a) sa (e) u li jitkellmu fuq ir-riskji assoċjati max-xogħol. Kif jingħad hawn fuq, fil każ tal-Kapitolu 424 il-prosekuzzjoni trid tipprova l-każ tagħha sal grad rikjest mil-Liġi. L-unika provi li tista tieħu 'n konsiderazzjoni l-Qorti huma dawk fattwali peress li f'dan il-każ la ġew maħtura periti esperti biex jagħtu l-opinjoni esperta tagħhom, u lanqas tressqu rapporti ta' periti esperti ex parte.

Din il-Qorti għaldaqstant trid tevalwa dawk il-provi li għandha quddiema u tasal għal konklużjoni jekk l-imputati bħala persuni li jħaddmu ħadux dawk il-miżuri li jassiguraw is-saħħa u sigurtà fuq il-post tax-xogħol.

Il-prosekuzzjoni tibbaża l-każ tagħha fuq l-ipoteżi li l-excavator ma kienx stabbli peress li kien imserraħ fuq injam mherri, tant hu hekk li dan l-injam ċeda u l-excavator għeleb, minbarra li żżid ukoll li ma kienx hemm evalwazzjoni ta' riskji effettiva fl-ambitu tax-xogħol li kien qed jiġi żvolt. L-abbli Uffiċjal Prosekurtur waqt is-sottomissjonijiet finali tiegħu, jsostni li l-proċess ta' tqattigħ ma kienx wieħed mill-proċessi li jsiru fl-ambitu tax-

xogħol tal-kumpanija Ballut Blocks Ltd. Dan l-argument pero jiġi megħlub mil-fatti li l-Qorti għandha quddiema. Il-vittma stess kien impjegat bħala mechanic, jiġifieri biex jagħmel tiswijiet u xogħlijiet fuq makkinarju. Waqt ix-xhieda tiegħu jgħid li dan it-tip ta' xogħol kien ilu jagħmlu madwar 29 sena, u li kellu tagħrif li akkwistaħ tul dawn is-snin ta' esperjenza. L-inġinier Tonna kien ra lill-vittma jaħdem fuq il-vapuri, u allura jikkorrabora l-kapaċitajiet tiegħu fl-ambitu ta' xogħol ta' ħadid ta' massa. Il-vittma jgħid ukoll li kien ilu juża l-istess metodu ta' xogħol, jiġifieri li jserraħ il-makkinarju fuq l-injam kif ukoll ġebel tul dan iż-żmien u li qatt ma ġralu xejn.

Dwar l-identifikazzjoni u l-evalwazzjoni tar-riskji, mill atti proċesswali a fol 60 sa 68 jidher li r-riskji relatati ma diversi tipi ta' proċessi u xogħlijiet li kienet taħdem fihom Ballut Blocks Ltd, inkluż dawk relatati mal-inċident odjern, kienu identifikati, assessjati u mitigati. Dan huwa spjegat u korraborat mix-xhieda ta' l-inġinier Tonna.

Dwar l-istabbilita tal-excavator il-prosekuzzjoni ma ġabet l-ebda prova li tindika li l-makkinarju ma kienx imserraħ sew. L-unika prova li ssostni t-teżi tal-prosekuzzjoni li l-excavator għeleb minħabba li ċeda l-injam li kien propju s-support (jew wieħed mis-supporti) tal-excavator, kif allegat il-prosekuzzjoni fis-sottomissjonijiet finali tagħha, u kif ukoll kif joħroġ mil-mistoqsijiet magħmula lix-xhieda dwar it-teżi li l-injama li kien qed iserraħ fuqha kien mherri, hi dik tal-Uffiċjal tal-Awtorita għas-Saħħa u Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol Pierre Conti. Dan ippreżenta sett ritratti li juru tali injam imkisser. Biss b'daqshekk ma jfissirx li l-prosekuzzjoni rnexxielha tipprova l-kawża tal-inċident. Jeżistu possibiltajiet oħra li ma ġewx kunsiderati, u evalwati mil-prosekuzzjoni. Kien imiss lil prosekuzzjoni li tipprova l-każ tagħha, biss din barra li kienet obbligata ġġib dwak il-provi dwar il-possibiltajiet kollha peress li l-prosekuzzjoni trid ġġib dawk il-provi kemm kontra kif ukoll favur l-imputati, gialadarba iffokat fuq teżi waħda hija almenu kellha tipprova din it-teżi sal grad rikjest mil-liġi fil kamp kriminali. Dan setgħet tgħamlu biss permezz ta' xhieda ta' esperti, ex parte jew vmaħtura mill-Qorti, sabiex jagħtu opinjoni esperta dwar is-saħħa o meno tal-injam. Dan il-prosekuzzjoni ma għamlitux. Il-Qorti ma hijiex xejn konvinta dwar it-teżi tal-prosekuzzjoni.

Il-Qorti fliet sew ir-ritratti li ġew ippreżentati u tixtieq tagħmel referenza partikolarment għar-ritratti a fol 56 u 58 minn fejn barra mit-teżi tal-prosekuzzjoni li l-excavator għeleb peress li ċeda l-injam li kien qed iservi ta' support, teżisti ukoll il-possibilta reali li l-

excavator għeleb lura għar raġunijiet oħra. Il-Qorti tosserva li minkejja li d-distanza mil-support konsistent f'dak li jidher bħala injam, li huwa l-pivot, u quddiem tal-excavator (ċioe l-parti li mir-ritratt tidher għoliet il-fuq) hija ferm ikbar mid-distanza bejn il-pivot u wara tal-excavator (il-parti li niżlet l-isfel u qabdet sieq il-vittma). Sabiex oġġett iżomm f'ekwilibriju, meta għandek sitwazzjoni ta' pivot, is-saħħa (force) fuq naħa trid tkun ekwivalenti għas-saħħa fuq in-naħa l-oħra. Is-saħħa li tirriżulta fuq kull naħa hija ekwivalenti għal prodott tad-distanza u l-piż (Force x Distance). Aktar ma tikber id-distanza (u l-piż), aktar tikber is-saħħa. F'dan il-każ tant id-distanza lejn quddiem kienet akbar, li propju ingannat kemm lill-John Vella, kif ukoll lill-Paul Vella.

Din il-Qorti hija tal-fehma li Paul u John Vella lanqas biss trattaw din is-sitwazzjoni bħala waħda ta' pivot. Dan qiegħed jingħad peress li mix-xhieda tal-inġinier Carmel Tonna jiġi ndikat li kien hemm aktar punti ta' support, li fil fatt ma jidhrux fir-ritratti peress li possibilment kienu mbegħdin minn xulxin. Allura jekk kien hemm supporti fit-tarf l-ieħor ukoll (in naħa li għoliet il-fuq) l-excavator kien qed iserraħ minn tal-anqas fuq erba postijiet. Meta wieħed iħares lejn l-excavator qabel l-inċident, ma kienx faċilment jirriżultalu sitwazzjoni ta' pivot jew fulkru. Tant hu hekk li ħadd ma basar li l-excavator se jegħleb lura.

Jingħad li mil-provi li ressqet il-prosekuzzjoni, partikolarment l-Uffiċjal tal-Awtorita tas-Saħħa u Sigurta fuq il-Post tax-Xogħol, jirriżulta li dan tant kien iffukat fuq it-teżi tiegħu li l-excavator tilef il-bilanċ peress li ċeda l-injam, li ma ġibidx ritratt li fih daħħal l-excavator kollu, u li minnu l-Qorti setgħet tara aktar ċar u tasal għal konklużjonijiet tagħha, kif għandha d-dover li tagħmel biex tiddeċiedi kawżi bħal dawn. Meta l-Qorti qiegħda tevalwa din it-teżi, dan qed tgħamlu fuq il-provi li għandha quddiema, ċioe id-dikjarazzjoni tal-inġinier Carmel Tonna li jgħid li kien hemm aktar supporti, u li l-excavator kien stabbli, kif ukoll dik ta' John Vella, l-vittma stess f'dan l-inċident li qal li l-excavator kien supported u stabbli meta beda x-xogħol. Il-Qorti qieset li kien biss wara li qata l-isprockets u allura naqqas il-piż u s-saħħa li l-excavator kien qed jagħmel fuq quddiem li dan għeleb lura. Il-Qorti għaldaqstant fuq l-iskorta ta' dawn il-provi, partikolarment ir-ritratt a fol 56 u meqjusa d-distanzi kif msemmija hawn fuq, u kuntrarju għal dak li jallega l-abbli Uffiċjal Prosekutur fis-sottomissjonijiet finali tiegħu, tqis li dan l-inċident ma kienx wieħed faċilment prevedibbli. Dawn iċ-ċirkostanzi joħolqu dubbji li fil-kamp kriminali jmorru favur l-imputati.

**Il-Qorti għar-raġunijiet kif imfissra tqis li l-prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova din l-imputazzjoni sal-grad rikjest mil-liġi u se tkun qed tillibera lill-imputati dwarha.**

**It-tieni imputazzjoni: "***2. Akkuzati wkoll li fl-istess data, hin, lok u cirkostanza u/jew fix-xhur ta' qabel inqastu bhala persuni li thaddmu nqastu milli taghmlu, jew li tizguraw li ssir, evalwazzjoni xierqa, sufficenti u sistematika tal-perikli ghas-sahha u s-sigurta' kollha li jistghu jkunu prezenti fuq il-post tax-xoghol u r-riskji li jirrizultaw li jikkoncernaw l-aspetti kollha tal-attivita' tax-xoghol. Dawn 1-evalwazzjonijiet ghandhom jikkunsidraw irriskji ghas-sahha u s-sigurta' tal-haddiema u tal-persuni li jahdmu ghal rashom li ghalihom ikunu esposti waqt ix-xoghol, inkluz dawk li jzuru 1-post tax-xoghol, liema riskji jirrizultaw mix-xoghol imwettaq, jew in konnessjoni mieghu, jew mit-tmexxija tal-impriza u dan ai termini ta' artikolu 10(1) ta' A.L. 36/03 (S.L. 424.18)."*

L-Uffiċjal tal-Awtorità għas-Saħħa u Sigurtà fuq il-post tax-Xogħol Pierre Conti fix-xhieda tiegħu jallega li r-risk assessment li ġie ppreżentat mill-inġinier Tonna, li huwa esebit fl-atti bħala Dok PC2, fil parti "Safe work method statement and risk assessment for maintenance work on heavy plant" ma jitkellimx fuq tqattigħ tal-excavator li kien hemm dakinhar tal-inċident.

Il-Qorti ma tistgħax taqbel ma din id-dikjarazzjoni peress li kif jgħid sew ix-xhud tad-difiża l-inġinier Tonna it-tip ta' xogħol li wassal għal-inċident kien kopert bir-risk assessment li kien ipprepara hu fl-2019 u li huwa esebit fl-atti a fol 60 sa 68. Ix-xhud spjega l-proċedura kif ġie fformulat l-imsemmi risk assessment, u kif il-proċess sakemm dan ġie approvat mid-direttur tal-kumpanija Ballut Blocks Ltd. Iddikjara ukoll li d-dokument kien ġie rivedut kull sena minn dak iż-żmien.

Il-Qorti fliet il-partijiet indikati mix-xhud a fol 65 u 67 minn fejn jirriżulta l-identifikazzjoni tar-riskji. Jippreċedi tali identifikazzjoni fl-istess dokument a fol 63 u 64 proċedura dwar kif tali riskji għandhom jiġu evitati jew mitigati.

Il-Qorti tqis ukoll li l-Uffiċjal tal-Awtorità għas-Saħħa u Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol Pierre Conti, fix-xhieda tiegħu jgħid li l-vittma John Vella kien qallu li qabel ma bdew ix-

xogħol iddiskutew hu u Paul kif kellu jsir ix-xogħol. Jiddeskrivi din bħala a "tool box talk". Dan jindika li l-ħaddiem ma kienx jitħalla għal rasu imma kien jiġi ggwidat kif għandu jaħdem.

Ta' relevanza għal din l-akkuża hija l-fatt li l-istess John Vella jiddikjara ukoll mal-Uffiċjal tal-Awtorità għas-Saħħa u Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol Pierre Conti, skont ix-xhieda tiegħu li huwa kien ingħata health and safety training fis-snin li kien impjegat ma Ballut Blocks Ltd.

Din il-Qorti tqis li d-difiża ġabet dawk il-provi li jindikaw illi ma kienx prattiku li l-imputati jagħmlu iktar milli fil-fatt sar dwar l-evalwazzjoni xierqa, sufficenti u sistematika tal-perikli għas-saħħa u s-sigurta' fuq il-post tax-xogħol u r-riskji dwar l-aspetti kollha tal-attivita' tax-xogħol, **għaldaqstant mhix se tkun qed issib ħtija tal-imputati dwar din l-imputazzjoni.**

**C. Deċide**

Għal dawn il-motivi il-Qorti ssib lill-imputati Francis Vella detentur tal-karta ta' l-identità bin-numru 639157M, Pawlu Vella detentur tal-karta ta' l-identità bin-numru 116049M, u Paul Vella detentur tal-karta ta' l-identità bin-numru 516462M mhux ħatja tal imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tagħhom, u minnhom tilliberhom.

**Onor. Dr. Kevan Azzopardi B.A., LL.D**
**Maġistrat**

**Josanne Gauci**
**Deputat Reġistratur**

**< Sentenza Finali >**

**---------------------------------TMIEM---------------------------------**